**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-24 ta' Awwissu, 2023**

**Rikors numru: BCT/19/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Karl Cassar**

**Vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant nnifsu, cioe Karl Cassar fejn huwa ikkontesta l-multa imposta fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) maħruġa nhar l-4 ta' Mejju, 2023. Il-bażi tal-multa in kwistjoni hija li saru '*Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi / Xogħlijiet fil-Ħdud jew festi Pubbliċi.*'

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rapreżenatanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal il-fatti tal-każ u x'wassal għal penali amministrattiva

3. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħdaumilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjernin toto.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva in vista li kienu qiegħdin isiru xogħlijiet nhar it-30 ta' April, 2023 li kienet il-ġurnata tal-Ħadd.

L-appellant jgħid li nhar it-30 ta' April, 2023 li kienet il-ġurnata tal-Ħadd, għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, huwa kien qiegħed ineħħi xi ħamrija minn ġewwa l-ġardina fis-sit ġewwa l-Marsa. Huwa spjega li huwa għandu permess PA/8615/21 li l-iskop tiegħu huwa sabiex jinbena garaxx. Huwa qal li hu għadu lanqas biss beda jissottometti d-dokumentazzjoni mal-Awtorità intimata u ma għandu ebda awtorizzazzjoni sabiex jagħmel ix-xogħlijiet. In fatti ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni ma kienu għadhom seħħew. Huwa jikkonferma li dakinhar tat-30 ta' April, 2023 ma kienx qed juża ebda makkinarju jew apparat ieħor għajr il-pala sabiex ikun jista' jiġbor il-ħamrija in kwistjoni.

L-Awtorità intimata ħarket xhud wieħed in sostenn tad-difiża tagħha u ċioe' Shanika Haidon, li kkonfermat li kienet waħda mill-uffiċjali li marret fuq is-sit wara li daħal rapport li kien qiegħed isir xi xogħol bil-*jack hammer*. Hija tikkonferma li kellmu lill-appellant u hu qallhom

li kien qiegħed ineħħi xi ħamrija. Hija tispjega li hi ma rat ebda xogħol ta' tqattiegħ jew kostruzzjoni peress li ma daħlux fis-sit in kwistjoni. Hija tikkonferma li lanqas ma talbu lill-appellant jidħlu fis-sit u li huma marru fuq is-sit ftit minuti wara.

It-Tribunal huwa konvint li dak li kien qiegħed jagħmel l-appellant nhar it-30 ta' April, 2023 kien propju t-tneħħija ta' ħamrija permezz ta' pala. L-Awtorità ma ġabet ebda prova li tmeri dan u fuq bażi ta' probabbilita' it-Tribunal jista' b'mod paċifiku jasal għall-konklużjoni li dak li qed jgħid l-appellant huwa dak li propju kien qed jagħmel.

It-Tribunal ħa nota ta' dak li tgħid it-Tielet Skeda tal-Avviż Legali 340 tal-2022, Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 'Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni' liema skeda tindika b'mod ċar dak li ma huwiex permissibli li jsir fi Ħdud u festi pubbliċi. Wara li annalizza it-Tielet Skeda b'reqqa, it-Tribunal jista' jikkonkludi li dak li kien qiegħed jagħmel l-appellant nhar it-30 ta' April, 2023 ma jaqax bħala xogħol li huwa projbit milli jagħmel fil-ġurnata tal-Ħadd u għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-Appell u jirrevoka l-penali amministrattiva imposta.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jiddikjara li l-avviż datat l-4 ta' Mejju, 2023 u l-imposizzjoni ta' penali amministrattivi fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) għandhom jiġu revokati u kwindi jitqiesu nulli u bla effett.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |